MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru. 910/1999

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**JESMOND GATT ta' 41 sena, iben Gaetano u Maria nee' Portelli, imwieled Tal-Pieta' nhar is-06.03.1971, residenti fil-fond 2, Railway Avenue, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 211370M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JESMOND GATT** li gie akkuzat talli:

1. Matul il-lejl ta' bejn it-2 ta' Marzu, 1998, ghall-habta tas-2.00 ta' fil-ghodu, waqt li kien fi Triq San Gorg, Hal-Qormi, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' oggetti ghad-

detriment ta' George Aquilina minn Hal-Qormi, aggravat bil-hin, mezz, u valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tal-hati.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, fuq liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':
Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kodici Kriminali.

Rat li nonostante li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-31 ta' Ottubru, 2007, l-imputat ghal zmien twil baqa' ma deherx ghas-seduta, anke jekk kien hemm mandati mahruga kontra tieghu.

Rat illi pero fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2011, l-imputat fl-ahhar deher, anke assistit, inqraw l-Artikoli, sahansitra rregistra ammissjoni fuq l-akkuzi lilu dedotti. Rat li l-istess ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Illi tenut kollu ta' dan premess, din il-Qorti issib lil Jesmond Gatt hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali tieghu;
Tqis illi l-piena idonea hija dik karcerarja u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sena u nofs.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-ispejjez inkorsi fl-Inkjesti ma gewx stabbiliti fl-istess atti, ghaldaqstant tali spejjez ma jistghux jigu kwantifikati, ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mill-effett ta' l-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------